TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 194/11

**Jonaphin u Daniela Spiteri**
**vs**
**Pensieri**

Illum 27 t'April, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-22 t'April, 2011 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' erba' mija, erbgħa w disgħin ewro, u erbgħa w ħamsin ċenteżmi (€494.54), rappreżentanti souvenirs tat-tieġ illi kienu difettużi.

Is-soċjeta' intimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' intimata li hija rappreżentanta tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu ordnaw souvenirs tat-tieġ mingħand id-ditta intimata u wara li ġew konsenjati, indunaw illi kienu kollha difettużi. Huma reġgħu marru għand l-istess ditta intimata fejn għażlu souvenirs oħra għat-tieġ minflok l-oħrajn, pero' ftit żmien wara t-tieġ, ir-rikorrenti bdew jirċievu lmenti li dawn is-souvenirs bdew jinqalgħu u jiżżarmaw waħedhom u għalhekk qed jitolbu l-flus lura.

Is-soċjeta' intimata daparti tagħha, qalet illi tmien xhur wara li s-souvenirs ġew ikkonsenjati, ġew infurmati li s-souvenirs qed jinkisru waħedhom u li l-probabilta' kien riżultat ta' xi umdita'.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, kif ukoll spezzjona s-souvenirs, jinnota li r-rikorrenti għandhom raġun, stante li dawn is-souvenirs m'għandhomx jinkisru ftit xhur wara li ġew mogħtija lilhom.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' erba' mitt ewro (€400), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**